# San Ġużepp
## *u l-Gżejjer Maltin*



**mill-Kan. Dun Ġużepp Bonello,**
**Kantur u Prokuratur tal-Fratellanza**

Wieħed mill-iktar qaddisin popolari fostna l-Maltin żgur li huwa San Ġużepp, Missier Putattiv ta' Ġesù u Għarus tal-Beata Verġni Marija. F'Malta għandna erba' parroċċi dedikati lil San Ġużepp, u oħra f'Għawdex – il-Qala. F'diversi parroċċi f'Malta l-festa ta' San Ġużepp tiġi ċelebrata bl-ikbar solennità, anke b'festa esterna bil-baned u l-logħob tan-nar. Ħafna huma l-Maltin li huma msemmija għal San Ġużepp, fosthom 63 saċerdot f'Malta u 35 f'Għawdex, inkluż l-Arċisqof maħbub tagħna. Ħafna huma wkoll in-niċeċ bi statwa ta' San Ġużepp fit-toroq tagħna, u f'diversi rħula nsibu toroq li l-isem tagħhom huma għal dan il-qaddis. F'kull parroċċa tagħna ssib altar, kwadru jew statwa ta' San Ġużepp. Dan kollu juri kemm il-qima lejn San Ġużepp hija mxerrda ħafna f'Malt au Għawdex.

## L-Imsida

Il-qima lejn San Ġużepp fl-Imsida bdieha Mons. Franġisku Falzon, ħu l-Venerabbli Nazju Falzon. Dan il-Monsinjur kien devot kbir ta' San Ġużepp, u ried il-knisja l-ġdida ta' l-Imsida tiġi dedikata lil San Ġużepp. Għalhekk ta Lm8,000 minn butu biex tinbena.



L-Imsida saret parroċċa fis-sena 1867, u l-ewwel knisja parrokkjali kienet tal-Kunċizzjoni, dik li qiegħda wara l-Għajn tal-Ħasselin. Iżda wara ftit taż-żmien inħasset il-ħtieġa sabiex tinbena knisja akbar li fiha tkun tista' tilqa' l-popolazzjoni li dejjem bdiet tiżdied. Għalhekk twaqqaf kumitat, inxtraw 1,333 qasba kwadru ta' art, u bl-għajnuna ta' bosta benefatturi tqiegħdet l-ewwel ġebla fl-4 ta' April 1886; u kif għidna qabel, ġiet dedikata lil San ġużepp skond ix-xewqa ta' Mons. Falzon.

Minn dak iż-żmien sa llum, il-qima lejn San Ġużepp dejjem bdiet tikber, u llum il-knisja ta' l-Imsida hija waħda mill-isbaħ ta' Malta. Il-pittura ta' l-abside tal-kor hija ta' Anton Inglott u saret fl-1945. Il-pittura tas-saqaf tal-knisja hija mill-isbaħ,

xogħol ta' Emvin Cremona. L-istatwa ta' San Ġużepp waslet Malta għall-festa ta' l-1893; kienet maħduma f'Lecce u tħallset mis-sur Francesco Tabone.



## Il-Kalkara

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp fil-Kalkara bxiet bit-tħabrik tal-Kanonku Primiċerju Dun Ġużepp Azzopardi, meta fis-sena 1890 bdiet tinbena l-knisja dedikata lil San Ġużepp. Din il-knisja, li kienet fi Triq Rinella, ikkonsagrata fis-sena 1921, inbniet fuq biċċa art mogħtija mill-Kapitlu ta' Bormla, skond il-pjanta tal-Perit V. Attard.

Il-Kalkara saret parroċċa fis-sena 1898 u l-knisja parrokkjali ġġarrfet totalment fil-gwerra, nhar l-10 ta' April 1942. Magħha ntilfu ħafna affarijiet, fosthom il-vara sabiħa ta' San Ġużepp, xogħol ta' l-iskultur Għawdxi Wistin Camilleri.

Wara l-gwerra, bit-taħbit ta' Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, devotissimu ta' San Ġużepp u li għadda tfulitu fil-Kalkara, inbniet il-knisja li hemm illum. L-ewwel ġebla tqiegħdet fl-1944 fi żmien il-Kappillan Carmelo Xuereb, illum il-Vigarju Emeritus, u kienet lesta sitt snin wara, meta tbierket minn Mons. Arċisqof Gonzi fis-7 ta' Settembru 1952. L-istatwa ta' San Ġużepp inġiebet minn Bolzano, u l-kwadru titulari huwa l-antik tal-knisja ta' qabel impitter minn Ġużeppi Calì. Il-festa ta' San Ġużepp issir fix-xahar ta' Lulju.

## Birkirkara

Id-devozzjoni f'Birkirkara hija qadima ħafna, tant li fil-knisja bażilka ta' Birkirkara nsibu altar ta' San Ġużepp, fratellanza u anke statwa sabiħa ta' l-iskultur Vincenzo Dimech fl-1826; iżda żgur li l-qima lejn San Ġużepp xterdet iktar meta l-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem saret parroċċa fis-sena 1973.

Il-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp Ħaddiem saret bit-tħabrik ta' Mons. Prepostu Ignazju Sciberras Psaila u bdiet tinbena fl-1965, meta tqiegħdet l-ewwel ġebla fit-12 ta' Settembru 1965 minn Mons. Arċisqof Gonzi. L-istil tagħha huwa Ruman modern skond il-pjanta tad-Ditta Mortimer & Degiorgio. Qamet madwar Lm16,000 u l-art ġiet mogħtija mis-Sur Ġużeppi Zerafa. Kienet lesta fl-1 ta' Mejju 1967. L-istatwa sabiħa ta' San Ġużepp saret l-Italja, fuq il-mudell ta' l-artist Emvin Cremona.

## Il-Manikata

Il-qima lejn San Ġużepp fil-Manikata bdiet meta nbniet knisja żgħira ta' San Ġużepp fis-sena 1918 bil-ġbir tan-nies. Ftit wara l-gwerra iżda n-nies tal-Manikata

xtaqu li jibnu knisja akbar u isbaħ. Tqabbad il-Perit Richard England li għamel il-pjanta bi stil modern, li spira ruħu mill-girna li xi kultant naraw f'nofs xi għalqa biex fiha l-gabilott jerfa' l-għodod tiegħu. Il-knisja tesa' 700 ruħ li huma biżżejjed għall-komunità ta' dik ix-xaqliba. L-ewwel ġebla tqiegħdet fit-18 ta' Awissu 1964 u saret parroċċa fis-sena 1975. Il-festa ta' San Ġużepp issir l-aħħar Ħadd ta' Awissu.

## Ir-Rabat, Malta

Naħseb li d-devozzjoni lejn San Ġużepp fostna l-Maltin bdiet fir-Rabat. Fis-sena 1568 diġà nsibu kappella-oratorju f'ġieħ San Ġużepp. L-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat hija l-eqdem waħda ta' Malta. Twaqqfet fis-sena 1345. Għadha sa llum torganizza bl-ikbar solennità l-festa ta' San Ġużepp li ssir kull sena fid-19 ta' Marzu. Fl-oratorju ta' San Ġużepp, proprjetà tal-fratellanza, insibu ħafna affarijiet sbieħ ta' valur artistiku mill-aqwa, fosthom il-vara ta' San Ġużepp, imlaqqam ix-Xiħ, li fis-sena 1956 ġie nkurunat mill-Arċisqof Gonzi fuq il-Fosos tal-Furjana fost l-entużjażmu kbir tal-poplu Malti. Hemm statwa oħra ta' San Ġużepp li saret Messina fl-1890, li toħroġ kull sena fil-proċessjoni tad-19 ta' Marzu. Il-Banda L'Isle Adam tar-Rabat hija taħt il-patroċinju ta' San Ġużepp, u fost il-membri ta' din is-Soċjetà nsibu devozzjoni kbira lejn dan il-qaddis.

## Parroċċi Oħra

Fil-parroċċi ta' Ħal Kirkop, Ħal Għaxaq, il-Ħamrun u Ħaż-Żebbuġ hemm devozzjoni speċjali lejn San Ġużepp fejn insibu wkoll banda li torganizza festa esterna ad unur ta' dan il-qaddis. F'Għawdex hemm il-parroċċa tal-Qala fejn il-kwadru titulari ġie nkurunat mill-Kardinal Colombo fis-sena 1971. L-istatwa titulari saret Marsilja u żżanżnet fis-27 ta' April 1890.

F'ħafna parroċċi oħra f'Għawdex u f'Malta nsibu altari, kwadri u fratellanzi ta' San Ġużepp. L-istatwa ta' Bormla hija ta' Abram Gatt; dik ta' Birkirkara hija ta' Ċensu Dimech (1826); ta' Ħal Għargħur hija ta' Karlu Darmanin; tal-Furjana ta' Ċensu Decandia; il-vari l-oħra ta' diversi paroċċi huma wkoll ta' valur artistiku mill-aqwa. Il-pitturi Maltin, bħal Franġisku Zahra, Ġużeppi Calì, Emvin Cremona, u oħrajn kollha tawna figuri tassew artistiċi ta' dan il-qaddis. Dan kollu juri kemm id-devozzjoni lejn San Ġużepp hija mxerrda sewwa f'dawn il-gżejjer Maltin.

## Għeluq

J'Alla dan it-tagħrif li ġbart jiswa biex il-qima ta' San Ġużepp f'pajjiżna tkompli tikber. Ma għandniex ninsew li l-akbar ġieħ li nistgħu nagħtu lil San Ġużepp huwa li nippruvaw infasslu ħajjitna fuq l-eżempji sbieħ li jagħtina. San Ġużepp kien *raġel ġust* li dejjem fittex li jagħmel dak kollu li Alla ried minnu, ukoll jekk dan kien jitlob sagrifiċċji kbar.

J'Alla nitgħallmu minnu nilqgħu bil-qalb dak kollu li Alla jitlobna.